# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 12/2023

10 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Lokalita' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

## 12.0 Qari tal-ittri ta'apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ma kienx ser jattendi għal laqgħa għaliex kien qiegħed rikoverat l-isptar Mater Dei, waqt li l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla avżat li kienet ser tidħol aktar tard għal laqgħa. Huma ġew skużati.

## 12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li ref punt 11.1 (tabelli) fil-verita' l-Kunsill kien irċieva kif għandhom jiġu t-tabelli għal Triq tal-Palma u mhux għal Misraħ San Ġużepp. Is-Sindku qal li għal Misraħ San Ġużepp, il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta kif għandhom jiġu t-tabelli.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill kien qabel li nagħmlu tabella bil-wisa' tat-triq ukoll ħdejn Clearwell Cottage u li dawn qatt ma kienu saru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nerġgħu nibagħtu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll li ħdejn Clearwell Cottage kienu ser isiru xi water culverts għaliex l-istess persuna kien qed jidħollu ħafna ilma tax-xita. Is-Sindku kkonferma li huwa kien avża li l-istess triq dalwaqt kienet ser tinqala' minħabba n-*new water* sabiex ma jsirx xogħol doppju pero' Infrastructure Malta qed isostnu li ma jistgħux jistennew u jħallu l-propjeta' ta' din il-persuna tkompli tegħreq bl-ilma tax-xita.

Is-Sindku kkonferma li l-Clean Up kienet saret nhar il-Ħadd 17 ta' Settembru, 2023 kif kien miftiehem. Huwa qal li l-attendenza ma kinitix xi waħda kbira ħafna pero' saret tindifa tajba fil-Ħlantun u fiz-zona Ta' Gawhar.

Is-Sindku qal li ref punt 11.2.4 (Indis għal Triq Carmelo Caruana) kien tkellem mas-CEO personalment u li kien baqa' jsostni li m'għandux fondi għaż-żamma u manutenzjoni tat-toroq li jaqgħu fir-responsabbilita' tiegħu. Is-Sindku qal li sa issa kien sar ftehim li l-Enemalta jibdew jagħmlu t-tiswija tal-bozoz tal-arbli pero' l-manutenzjoni xorta ma kinitx ser tgħaddi taħt ir-responsabbilita' tagħhom. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-problema kif ukoll il-problema tal-*cleansing u l-Waste.*

Is-Sindku qal li ref punt 11.2.6 (*olive picking activity*) il-Kunsill ser ikun qiegħed jinvolvi t-tfal tal-iskola primarja ta' Ħal Safi. Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lir-Reġjun Punent tal-għajnuna finanzjarja li kienu taw lill-Kunsill sabiex issir din l-inizjattiva.

Is-Sindku ressaq l-kwotazzjoni li l-Kunsill kien ġabar sabiex nagħsru ż-żebbuġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu l-orħos kwotazzjoni għal prezz ta' 28c-il kilo jekk ikollok mitt kilo.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17:41

**12.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.2.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera rigward l-istedina tal-Kappillan li kienet ser issir il-Ħadd ta' wara l-laqgħa. Huwa staqsa lill-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla jekk kinitx taf rigward l-istedina tal-Kappillan. Il-Kunsill iddiskuta.

12.2.2 Is-Sindku qal ukoll li wara l-quddiesa tal-Kappillan kienet ser issir l-attivita' tal-Olive Picking fil-ġnien taż-żebbuġ fiz-zona Ta' Amparell.

12.2.3 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru, fl-1:30pm is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli kienet ser tagħmel żjara l-Kunsill biex tiltaqa' mal-Kunsill kollu, ħaddiema u staff.

12.2.4 Is-Sindku qal li ukoll nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru fis-2:30pm kien ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tan-niċeċ u għal din kienu ser jattendu l-Ministru Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

12.2.5 Is-Sindku qal li fit-2 ta' Ottubru, 2023 kien ingħaqad mal-Kunsill ħaddiem ġdid taħt l-iskema tal-RSSL. Il-Kunsill iddiskutew u awgurawlu l-ħidma t-tajba.

12.2.6 Is-Sindku qal li kien avviċinah persuna bil-proposta li joħolqu team tal-futbol f'Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħtu din il-persuna ħin apposta fil-laqgħa tal-Kunsill li kien imiss sabiex naraw il-proposti tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

12.2.7 Is-Sindku għarraf lill-Kunsillieri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqa' mal-Kap tal-Iskola primarja ta' Ħal Safi. Huwa spjega li kienu ddiskutew diversi inizjattivi kif ukoll l-użu tas-sala tal-komunita'. Is-Sindku qal li għalkemm it-tfal tal-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq ma baqgħux jattendu Ħal Safi, il-containers kienu għadhom fil-bitħa tal-iskola u s-sala kien għadha mimlija bl-affarijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nistennew sabiex naraw jekk inkunux nistgħu nagħmlu użu mis-sala għall-ikla tal-anzjani.

12.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jagħti kopja tal-Heritage Booklet waqt l-*assembly* tal-iskola nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru u min kien interessat kellu jkun preżenti fit-8:30am.

12.2.9 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru, 2023 flimkien mal-Kunsillieri Mark Cocker u Publio Abdilla kienu attendew laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia. Is-Sindku qal li wara din il-laqgħa kien hemm *follow up meeting* nhar is-27 ta' Settembru fuq *Slow Streets* u li kienet saret laqgħa oħra fl-4 ta' Ottubru, 2023 ukoll fuq l-istess suġġett.

Is-Sindku spjega li l-Gvern kien lest li jagħmel l-scarifying u sub base minn naħa ta' Infrastructure Malta għall-proġett tal-pjazza. Is-Sindku kompla jispjega li huwa diġa' kien kellem lill-Ministru sabiex nkunu nfurmati jekk kinitx ħierrġa skema sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għal wiċċ tal-pjazza ta' Ħal Safi.

Is-Sindku qal ukoll li waqt l-istess laqgħa kienu ddiskutew mal-Ministru Farrugia, Triq is-Summien u minn dakinhar 'l hawn il-Kunsill kellu konferma li din it-Triq kienet ser ssir sabiex jindirizzaw il-problema tal-culverts. Huwa qal li kien avża li l-bankini ma kienx hemm għalfejn jinbidlu għaliex il-Kunsill ma kienx ilu li għamilhom mill-ġdid. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li ukoll li waqt l-istess laqgħa kienu ddiskutew Triq Qerd in-Naħal u għal din it-triq ukoll kellu konferma li ser tibda l-co-ordination biex jiġu ndirizzati l-problemi li għandna f'din it-triq sabiex ma tibqax iżomm l-ilma.

Is-Sindku qal li rigward il-Proġett ta' Slow Streets waqt l-istess laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia, il-Kunsill kien ressaq il-kunċett li ma jitneħħiex parkeġġ qabel ma jsir il-proġett tal-pjazza ta' Ħal Safi. Pero' f'waħda mil-laqgħat s-Sindku qal li applikazzjoni mingħajr ma l-proġett jinkludi spazji miftuħa, ma jikkwalifikawx biex jieħu l-fondi. Is-Sindku għadda sketch liema parkeġġi kieku jitneħħew. Il-Kunsill reġa' ddiskuta din il-kwistjoni u baqa' jżomm l-istess pożizzjoni dik li ma jitneħħewx parkeġġi qabel ma jsir il-proġett tal-pjazza.

12.2.10 Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-Public Works rigward il-funtana li għandna fil-bandli. Huwa qal li inġineer kien ġie jagħmel site visit u wara ħejja rapport ta' x'jaħseb li hija l-problema. Is-Sindku qal li l-inġineer kien qed jisħaq li fejn hemm il-pompa jiġifieri r-reserviour tal-ilma kien ċkejken wisq għalhekk hekk kif jonqos ftit l-ilma l-pompa kienet tieqaf. Is-Sindku qara r-rapport lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jiċċekja mal-Water Services Corporation sabiex jaraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

12.2.11 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru, 2023 kienet ser issir il-ġirja mir-Rush Athletic Club u l-Kunsill kien irċieva talba sabiex bħal snin oħra nixtru l-ilma għal min jipparteċipa u trophy għal best effort . Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naraw kemm konn xtrajna ilma s-sena ta' qabel u nagħmlu l-istess.

12.2.12 Is-Sindku qal li l-librara xtaqet li t-tfal li kienu ser jattendu fl-aħħar ta' Ottubru biex jisselfu l-kotba, bħala inizjattiva għal trick or treat kienet ser ittihom ħelwa . Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva ħelwa.

12.2.13 Is-Sindku qal li persuna kienet talbitu mera fi Sqaq tal-Karwija għaliex minn naħa ta' ġewwa tax-xatba tiegħu kien qed isibha diffiċli u perikoluża sabiex joħroġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li teħel mera.

12.2.14 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni sabiex isir it-tiżjin tal-Milied. Huwa qal li s-sena l-oħra t-tiżjin sabiħ diġa' kien ittieħed għalhekk din is-sena jħoss li l-Kunsill għandu jaħseb qabel biex l-istorja ma tirrepetix ruħha. Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni u qabel fejn kien ser isir it-tiżjin mill-kuntrattur kif ukoll mill-Każin Banda San Pawl. Il-Kunsill qabel ukoll li peress li ser nagħmlu l-heavy pruning tas-siġra taż-żebbuġ nżejnu iż-żewġ sigriet li hemm mal-ġenb.

12.2.15 Is-Sindku qal li kien irċieva lment minħabba l-bank ta' ħdejn il-berġa l-antika. Il-Kunsill qabel li jinqala' u wara li jsirlu manutenzjoni nippruvaw insibulu post alternattiv.

12.2.16 Is-Sindku qal f'għeluq it-Tletin sena mill-Kunsilli Lokali, r-Reġjun Punent kien ser jagħti siġra kommemorattiva lil kull Kunsill. Is-Sindku qal li s-siġar ser ikunu maturi minn tal-anqas metru twal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk nistgħu ngħidulhom li nixtiequ siġra *ta' Ġuda* jew inkella siġra tajba għal pot u li tagħmel il-ward.

12.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

12.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jerġa' jorganizza l-inizjattiva li jkollna Father Christmas idur mar-raħal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

12.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li din is-sena Triq San Anton baqgħet ma tnaddfitx mill-ħaxix. Is-Sindku qal li fil-viċin kien imiss li titnaddaf din it-triq.

12.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ukoll li fil-passat il-Kunsill kien iltaqa' ma persuna on site f'Misraħ Ħlantun u l-Kunsill kien qabel li fejn hemm il-fetħiet jitqiegħed kantun sabiex ikunu jistgħu jinżergħu xi siġar. Il-Kunsill iddiskuta pero' minħabba l-problema tat-tisqija ma ttieħdetx id-deċiżjoni li jinżergħu aktar siġar.

12.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Kunsill għandu jaħseb sabiex jinġabar l-ilma fil-ġiebja ta' Ġnien Sir Alexander Ball. Huwa ssuġerixxa li għandu jsir tapit biex jilqa' l-ilma għaddej mit-triq. Il-Kunsill qabel.

12.3.5 Is-Sindku qal li l-objection li l-Kunsill kien daħħal għal Triq San Pawl, il-Kunsill irċieva r-rapport uffiċċjali u ġie rrikkommandat għal refusal. Is-Sindku spjega li issa

kien irid jiltaqa id-DC Board pero' dawn kellhom il-poter li jbiddlu din id-deċiżjoni. Is-Sindku spjega li l-Bord tas-smiegħ issa kellu jiltaqa' fis-7 ta' Novembru, 2023.

12.4 Festa Familja

12.4.1 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv diġa' kienu ltaqgħu mal-organiser darbtejn sabiex jiddiskutu l-attivitajiet għal Festa Familja. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla jekk kinitx infurmata jekk Każin Banda San Pawl kienux ser jarmaw għal waqt l-istess attivita'. Il-Kunsilliera qalet li huma kienu qed jistennew Kor Sine Macula biex kienu ser jarmaw sabiex ma jidħlux fuq xulxin. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-attivita'. Is-Sindku qal lill-Kunsilliera sabiex jekk ikunu jafu b'artisti lokali li jixtiequ jieħdu sehem waqt din l-attivita' kellhom javviċin il-Kunsill.

Is-Sindku qal li f'Novembru tiġi ċċelebrata World Children's Day u l-Kunsill kien ser jieħu spunt minn din it-tema u l-attivitajiet kollha kienu ser ikunu abbinata mal-kunċett li t-tfal għandhom id-dritt li jilagħbu.

Is-Sindku qal li sabiex l-Kunsill ser ikun qiegħed isejjaħ Press Call qabel ma ssir l-attivita ta' Festa Familja.

12.5 Approvazzjoni Xiri ta' Vann

Is-Sindku qal li skond l-bord tal-evalwazzjoni, l-unika offerta li ntefgħet għal xiri ta' vann kienet compliant u għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill japprova l-istess offerta biex ikun jista' jsir ix-xiri tal-Vann. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

12.6 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament, inkluż il-pagamenti kollha relatati ma SPI/SCI/3/2023 Clean Up the World Campaign 2023 li ġew imħallsa kollha mill-Kunsill.

**12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-19.42. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 15 ta' Novembru, 2023 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |